MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Numru. 955/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**Vs**

**Duncan Caruana, ta’ 21 sena, iben Carmelo u Maria nee’ Cortis mwieled il-Pieta fit-22 ta’ Dicembru 1986 u residenti Block B, Flat 4, Triq in-Newl, Haz Zebbug detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 17387(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Duncan Caruana akkuzat:

Talli f’Lulju 2008 u fix-xhur ta’ qabel biex issodisfa iz-zina ta’ haddiehor billi hajjar b’qerq persuna ta’l-eta’ u cioe’ lil

Diane Bonanno ta’ tmintax-il sena minn Haz Zebbug ghal prostituzzjoni;

U aktar talli f’Lulju 2008 u fix-xhur ta’ qabel xjentement ghex f’parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta’ persuna ohra u cioe’ ta’ Diane Bonanno ta’ tmintax-il sena minn Haz Zebbug;

U aktar talli assocja ruhu f’Malta ma’l-istess Diane Bonanno bil-ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm mil-piena ta’ prigunerija;

U aktar talli kiser il-provvedimenti ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta datata 23 ta’ Novembru 2007;

U aktar talli hedded jew ingurja lil persuna ta’ Diane Bonanno ta’ tmintax-il sena minn Haz Zebbug;

U wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor jibza li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti tieghu:

Rat in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tal-1 ta’ Marzu 2010;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jammetti t-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, izda wiegeb li ma kienx hati tal-kumplament ta’l-akkuzi;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi u it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami ta'l-atti jirrizulta illi mill bidu nett ta' dana l-iter processwali, l-imputat ammetta it-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu u cioe' ammetta li ikkometta r-reat ikkontemplat fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar il-Kummerc fil-Prostituzzjoni. L-imputat ghalhekk innega illi huwa ikkometta l-kumplament tar-reati addebitati lilu kemm fl-akkuza kif ukoll fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali ta'l-1 ta' Marzu 2010.[1]

Illi l-artikolu 7 tal-Kapitolu 63 jiddisponi testwalment:

(1) *"**Kull min, xjentement, ighix, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra, jehel meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn**."*

Illi imbaghad is-subartikolu 3 ta'l-istess artikolu tal-ligi jitkellem dwar ic-cirkostanzi li ghandhom jezistu sabiex persuna ghandha titqies li qed tghix minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni:

(3) ***Persuna titqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, illi xjentement tghix, ghal kollox, jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni, jekk jinsab illi hija tghix jew soltu tkun ma' persuna li tezercita l-prostituzzjoni, jew illi hija ikkontrollat jew mexxiet lil dik il-persuna jew kellha hakma fuqha b'mod li juri li hija qieghda tghin, thajjar jew iggieghel il-prostituzzjoni ta' dik il-persuna ma' persuna jew ma' persuni ohra.**"*

Illi in succint il-fatti ta' dana il-kaz huma s-segwenti. Jidher illi madwar sena qabel ma gie arrestat l-imputat fuq dana il-kz, huwa beda jiffrekwenta lil certu Diane Bonnano, tfajla ta' tmintax-il sena li tghix fl-istess rahal tieghu u cioe' Haz Zebbug. Jidher illi dawn kellhom relazzjoni normali bejniethom, izda dina t-tfajla ma tidhirx li kienet kuntenta tghix mal-familja taghha minhabba li tghid li kellha certa sikkatura. L-imputat min-naha tieghu kellu l-vizzju tad-

[1] Ara nota ta' rinviju a fol.155

droga u jidher illi anke kellu xi problemi finanzjarji sabiex jissostanjza il-vizzju tieghu. L-imputat kien jahdem gewwa *car wash* fil-kumpless ta' Portomaso filwaqt illi t-tfajla tieghu kienet minghajr impieg u kienet tghix bl-ghajnuna socjali. Jidher illi wara xi zmien dina t-tfajla iddecidiet titlaq mid-dar tal-genituri taghha u giet offruta kenn mill-imghallem ta'l-imputat certu Albert Abela. Minn hawn 'il quddiem mill-provi ma johrogx car x'kienet ir-raguni li wasslet lil dina t-tfajla taqbad it-triq tal-prostituzzjoni. Dana qed jinghad peress illi l-provi li jaghmlu referenza ghal dak li sehh huma biss l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat lill-pulizija, *a tempo vergine* meta gie arrestat, (li kienu mhux inqas minn erba'), u ix-xhieda moghtija mill-vittma Diane Bonnano permezz tal-procedura awdjo viziva kontemporanja. Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi minn ezami akkurat ta' dawn il-provi hemm diversi inkonsistenzi, inesatezzi u divergenzi mhux biss bejn dak li ighidu dawn iz-zewg zaghazagh fil-konfront ta' xulxin, izda anke bejn dak li jistqarru huma stess fid-dikjarazzjonijiet rilaxxjati minnhom.

Diane Bonnano tibda ix-xhieda taghha billi tghid illi kien l-imputat li gieghla taqbad it-triq tal-prostituzzjoni u dana permezz ta' diversi theddid anke b'armi. Geghlha taghmel dana, tghid hi, peress illi kellu xi djun li ried ihallas. Tghid illi hija ma kienet ser tircevi xejn mill-flus li kienu ser jghaddulha il-klijenti u li kienet ser tghaddi l-flus kollha lill-imputat. Ghall-ewwel issostni illi ma kien hemm l-ebda persuni ohra involuti u kien biss l-imputat li kien qed igeghla taghmel dana ix-xoghol. Matul il-kors tax-xhieda, imbaghad johrog illi fil-fatt kien hemm persuna ohra involuta, certu Albert Abela, li kien l-imghallem ta' l-imputat. Tghid illi dina iltaqghet mieghu gewwa bar f'San Giljan fejn hemmhekk hu u l-gharus taghha ftehmu dwar kif kien ser isir ix-xoghol u il-flus li kellha tircevi dina t-tfajla ghas-servizzi taghha. Tghid illi dawn il-flus kellhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-imputat u dana Abela u hi ma kienet ser tiehu xejn minnhom. Tkompli tirrakonta illi f'dik il-lejla stess dana Abela kellu x'jaqsam maghha sesswalment sabiex 'jippruvaha' u li ghaddielha is-somma ta' €50, li hija tghid li kellha tghaddihom lill-imputat. Tghid ukoll illi f'xi hin l-imputat kien mistieden sabiex jinghaqad

maghhom sabiex jaghmlu "*threesome*", u wara dana huma irhewlha lejn il-Marsa sabiex hemmhekk hija tibda tipprostitwixxi ruhha. Jidher illi kien dana Abela li kellu jressaq il-klijenti u ilaqqaghhom ma' Bonanno sabiex tipprostitwixxi ruhha maghhom. Qabel nizlu l-Marsa tghid illi dana Abela ghaddielha xi *condoms* li poggithom fil-*bra*. Fil-fatt meta giet arrestata mill-pulizija u saret tfittxija kemm fuqha kif ukoll fil-vettura instabu dawn il-*condoms* fil-*bra* taghha, u karta tal-€50 fil-portmoni. Dana kuntrarjament ghal dak li tistqarr fil-bidu tax-xhieda taghha meta issostni illi kien l-imputat li geghlha taghmel dana x-xoghol u li f'dik il-lejla kien hu li ghaddielha il-*condoms*. Fl-ahhar parti tax-xhieda taghha madanakollu dina Bonanno tammetti illi hija kienet telqghet mid-dar, kellha problemi finanzjarji peress illi kienet tghix bl-ghajnuna socjali, kienet qed tghix ma' dana Abela fil-flat tieghu u xtaqet tiggwadanja l-flus sabiex tkun tista tikri appartament flimkien ma'l-imputat biex imorru jghixu flimkien. Tammetti ghalhekk illi hija xtaqet taqla' il-flus ghalkemm ma xtaqitx tipprostitwixxi ruhha sabiex tkun tista' tghix kif xtaqet. Kien ghalhekk illi hija, kontra ix-xewqa taghha, accettat li taghmel dana x-xoghol.[2]

Illi l-imputat ukoll fl-erba stqarrijiet rilaxxjati minnu jbiddel il-verzjoni tal-fatti ghal iktar minn darba. Fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu isostni illi kienet l-idea tat-tfajla tieghu li taqbad it-triq tal-prostituzzjoni u li kienu ftiehmu li jaqsmu il-qligh nofs bn-nofs bejniethom. Jghid illi dak inhar ta' l-1 ta' Lulju meta gew intercettati mill-pulizija gewwa l-Marsa, kienet l-ewwel okkazzjoni illi kienu ser jibdew jaghmlu dan.[3] Illi imbaghad fit-tieni stqarrija rilaxxjata aktar tard fl-istess gurnata tat-2 ta' Lulju, l-imputat ghall-ewwel darba jsemmi lill-imghallem tieghu Albert Abela. Hawnhekk huwa ijsemmi l-inkontru li sehh ma' dana Albert Abela gewwa San Giljan qabel ma hu u Diane nizlu il-Marsa. Jghid illi dana Albert ghadda s-somma ta' €50 lil Diane, izda kien ghadu ma hallsux sehmu u dana peress illi l-ftehim kien illi Abela kellu ihallas s-somma ta' €100 sabiex ikollu inkontru sesswali mat-tfajla tieghu u dana l-ammont

[2] Ara xhieda ta' Diane Bonanno a fols.111 sa 153
[3] Ara stqarrija Dokument MC1 a fols.16 sa 18

kienu ser jaqsmuh ugwalment bejniethom. Izda peress illi dana Albert kellu biss €50, huwa ghadda dana l-ammont lil Diane u wieghed lill-imputat li kien ser ihallsu iktar ‘il quddiem. Jikkonferma illi wara l-inkontru sesswali bejn dana Albert u Diane hu gie mistieden ghal “threesome” maghhom. Hawn isostni illi kien hemm okkazzjoni ohra fejn dina Diane kellha inkontru sesswali ma’ ragel iehor.[4] Fit-tielet stqarrija imbaghad isemmi l-ftehim li kien sar bejniethom u Albert Abela sabiex dana Abela jressaq xi hbieb tieghu sabiex ikollhom relazzjonijiet sesswali ma’ dina t-tfajla u dana ghal prezz ta’ €100. Fil-fatt kienu ftiehmu mieghu ghal week-end ta’ wara.[5] Fl-ahhar stqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jibqa isostni illi ghalkemm kien miftiehem mat-tfajla tieghu li jaqsmu il-flus bejniethom minn dina l-attivita’ madanakollu jibqa’ isostni illi fl-ebda hin ma kienet l-idea tieghu, li qatt ma gieghla taghmel dana u li kienet Diane li thajjret taghmel dana ix-xoghol. Jghid illi Diane kienet telqghet mid-dar tal-genituri taghha u huma xtaqu imorru jghixu flimkien.[6]

Illi dawn huma l-unici provi li l-Qorti ghandha quddiemha. In sostenn ta’ dan hemm imbaghad ir-rapport ta’l-espert Martin Bajjada li ghamel ezami fuq il-mobile phone ta’ l-imputat (Dokument MC8) minn fejn jirrizulta illi kien sar xi komunikazzjoni bejnu u bejn Diane Bonanno ghar-rigward tal-flus li kellha tircevi ghas-servizzi sesswali u l-mod kif kellha tilbes.[7] Dana madanakollu ma jixhitx wisq dawl ghar-rigward ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat li dwarhom huwa ma irregistrax ammissjoni.

Illi maghdud dana kollu ghalhekk ma hemmx dubju illi mill-atti processwali hemm konflitt serju dwar dak li wassal lil Diane Bonanno sabiex taqbad it-triq tal-prostituzzjoni u cioe’ jekk fil-fatt kienx l-imputat li geghlha, jekk kenitx hi li minn jeddha iddecidiet taghmel dana, jew inkella jekk kienx dana Albert Abela li hajjarha taghti dawn is-servizzi. Ghaldaqstant abbazi ta’ dawn r-risultanzi processwali l-Qorti ma tista’ qatt issib htija fil-konfront ta’l-imputat ghar-

[4] Ara stqarrija Dokument MC2 a fols. 19 sa 22
[5] Ara stqarrija Dokument MC3 a fol.23
[6] Ara stqarrija Dokument MC a fol.25
[7] Ara Dokument MB a fol.7 et.seq.

reat ikkontemplat fl-artikolu 205 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u wisq inqas ghal dak kkontemplat fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 63. Illi l-istess jista’ jinghad ghall-akkuzi kontravvenzjonali ikkontemplati fl-artikolu 339 u ir-reati tal-fastidju u ta’l-ingurja ikkontemplati fl-artikoli 251 u 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dana qed jinghad ghaliex ghalkemm Bonanno tibda ix-xhieda taghha billi issostni illi l-imputat kien qieghed jheddidha sahansitra b’sikkina u kienet qed tghix taht il-biza ta’ theddid min-naha tieghu, madanakollu fl-ahhar tax-xhieda taghha hija taghti ragunijiet ben differenti li wassluha sabiex taccetta li taghti is-servizzi sesswali lill-irgiel ghal hlas. Illi anke meta issostni illi l-imputat kien qed ixerred kliem malafamanti fil-konfront taghha,[8] madanakollu ma hemm l-ebda prova dwar dana fl-atti u dak li tghid Bonanno jammonta ghal xejn iktar minn *hearsay evidence* u ghalhekk ser jigi skartat.

Illi finalment fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali ghogbu jindika l-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 u cioe’ l-offiza ghall-pudur jew ghal morali maghmul f’post pubbliku. Illi bir-rispett kollu dana r-reat lanqas lontanament ma gie ippruvat. Ibda biex fil-mument illi l-imputat gie arrestat flimkien ma’ Bonanno mill-pulizija, huwa kien qieghed bil-qieghda barra fuq ghatba filwaqt li Bonanno kienet qed timxi jew titlajja fit-triq. Ma kien ghadu sehh xejn, lanqas jista’ jinghad illi Bonanno kienet giet avvicinata minn xi irgiel. Fil-fatt it-tnejn li huma jsostnu illi lanqas kienu ilhom hemm ghaxar minuti meta gew il-pulizija. Dana r-reat ghalhekk certament ma giex ippruvat.

Ghaldaqstant l-uniku reat li tista’ tinstab htija dwaru huwa dak l-istess reat li l-imputat ammetta mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe’ ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta billi ma hemmx dubbju illi huwa kien jinsab fil-kumpanija ta’ Diane Bonanno u kien ser jaqsam maghha l-flus li kienet ser tircevi mill-prostituzzjoni.

[8] Ara xhieda ta’ Bonanno a fol.153

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kiser il-provvedimenti ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 imposti fuqu permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (kif diversament ippresjeduta) tal-23 ta’ Novembru 2007. [9] Illi ma hemmx dubbju illi ir-reat kommess mill-imputat sehh waqt il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata li kien qed igawdi permezz ta’l-imsemmija sentenza u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tapplika il-provvedimenti ta’l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat ghar-reat li dwaru ser jinsab hati, kif ukoll ir-rapport imhejji mill-Probation Officer Marietta Lanzon minn fejn jirrizulta illi l-imputat qieghed johrog mill-problema tal-vizzju tad-droga, illum ghandu hajja stabbli u qieghed jitharreg fuq is-sengha tax-xoghol ta-bini. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi partikolari ta’ dana il-kaz piena karcerarja effettiva certament ma hijiex idonja. Madanakollu peress illi jirrizulta illi l-imputat qieghed jahdem fis-sengha tal-bini u anke attenda xi kors mal-ETC f’dana ir-rigward, il-Qorti ma thossx il-htiega illi tigi impost ordni ta’ servizz fil-komunita flimkien ma’l-ordni tal-probation u dana kif suggeriet mill-ufficjal tal-probation.

Ghaldaqtsant l-Qorti wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tat-tieni u tar-raba akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah mill-kumplament, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tqieghed lil hati taht ordni ta’ Probation ghal zmien tlett snin mil-lum. Illi inoltre wara li rat l-artikoli 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta’ hames mitt ewro (€500).

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma jobdiex l-ordni imposta fuqu illum jew jekk jikkometti reat iehor matul il-perijodu indikat ta’ tlett snin.

---

[9] Dokument MC7 a fols 32 u 33

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €314.19 in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------